MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 289/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carmelo Abdilla)**
**Vs**
**Carmelo Sant**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fl-24 ta' Gunju, 2007, f'San Pawl il-Bahar,

1. b'eghmil zieni, kkorrompa lil omissis minorenni ta' 14-il sena;
2. fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-artikolu 203(1) tal-Kodici Kriminali, eccita, ghen jew iffacilita' l-korruzzjoni ta' omissis, minorenni ta' 14-il sena;
3. fl-istess data, lok u cirkostanzi, kkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' omissis, minorenni ta' 14-il sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 t’Ottubru, 2008, li biha, ma sabitx lill-appellant hati ta’ l-ewwel u tat-tielet akkuza li minnhom illiberatu w, wara li rat l-artikolu 203A, 203A Proviso flimkien ma’ l-Artikolu 203(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundanatu ghal tletin (30) xahar prigunerija illi minnha jrid jitnaqqas iz-zmien li l-appellant serva f’arrest preventiv.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 t’Ottubru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati w tirrevokaha ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. Li kieku, ghall-grazzja tal-argument, il-fatti kif valutati mill-Qorti kienu mhux kontestati, ma kienux iwasslu ghar-reat li tieghu instab hati, imma reat iehor, li minnu gie liberat. Kieku appella l-Avukat Generali, dato e non concesso li l-fatti huma kif jinghid u valutati fis-sentenza, kien ikollu ragun. Ir-reat taht l-artikolu 203A jirreferi manifestament ghar-reat ta' min jimbotta halli haddiehor jaghmel korruzzjoni fuq minuri. Din kienet parti minn legislazzjoni recenti marbuta mal-pedofilija w reati fuq minuri. Li wiehed jeccita l-korruzzjoni ta' minuri metu hu stess hu l-korruttur, kien diga' previst mill-ligi, ghax fil-fatt ikun qed jikkorrompi. Imma jekk ikun *lunga manus* halli ssir korruzzjoni minn haddiehor, ghalhekk il-kliem *"jghin u jew jiffacilita",* li huma cari, Il-kelma "jeccita " ma tirriferix ghal-libido tal-minuri, ghaliex *"teccita l-korruzzjoni"* ma taghmilx sens meta jkun hemm rapport dirett bejn korruttur u l-vittma bhala attivita' sesswali tieghu. Fit-test Ingliz dan il-kuncett johrog aktar car :. "instigates" tfisser li hemm persuna ohra li qed tigi istigata jew eccitata. Dan ir-reat kien jinkwadra ruhu kieku l-appellant ha t-tfajla d-dar jew f' xi flat u hemm kien hemm haddiehor li kien lest li

jaghmel atti ta' libidini maghha. Li johodha d-dar u jaghmel atti hu jinkwadra ruhu taht l-artikolu 203 u mhux taht l-artikolu 203A. Ma jistax jinghid li dar-reat hu kompriz u involut. Il-verbi huma totalment differenti w jimplika xenarju differenti.

2. Dwar il-fatti l-appellant jissottometti li hu ma ghamel ebda haga minn dawk previsti l-artikolu 203A , inkluza l-aggravanti.

3. L-appellant jichad kategorikamet anki l-fatti attinenti mal-ewwel akkuza ta' korruzzjoni (li minnha gie liberat u ma hemmx appell mill-Avukat Generali) u lanqas fuq l-ahhar akkuza ta' attentat vjolent ghall-pudur. Il-versjoni tieghu konfortata minn Vicky Sant u konfermata ukoll milli agir tal-minuri anki sussegwenti kellhom ragun li mill-inqas igibu dubju ragonevoli. Imma fuq dawn l-akkuzi gie liberat. Dan jinghid ghax ma jixtieqx li jkun liberat fuq teknikalita' biss.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat in-Nota Konguntiva tal-Avukat Generali w tal-Appellant li biha rriproducew *verbatim* siltiet mid-dibattitu parlamentari li sar fl-istadju tal-Kumitat dwar l-Abbozz ta' Ligi li wara sar l-Att numru III ta' l-2002, ghax fl-istadju tat-Tieni Qari ma jidhirx li kien hemm diskussjoni specifika fuq dan l-artikolu gdid 203A fil-Kodici Kriminali.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant fuq riprodott *in toto* hu wiehed ta' indoli legali. Jibda' biex jinghid ghall-precizazzjoni li, ghalkemm fis-sentenza appellata jinghid li l-appellant gie liberat mill-ewwel imputazzjoni ta' korruzzjoni ta' minorenni, minkejja li din l-akkuza kienet dedotta fl-akkuza originali, meta l-appellant tressaq quddiem il-Qorti, fil-fatt ma kienetx wahda li tissemma fl-artikoli inkluzi fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali a fol. 124 tal-process. L-unici artikoli indikati mill-Avukat Generali kienu l-art. 203A in meritu, l-artikolu 207 li jikkontempla r-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur u l-art.

533 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk proprjament l-Ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn tillibera lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni. Ghalhekk lanqas ma kien preciz l-appellant meta argumenta li, kieku l-fatti kellhom jigu interpretati kif interpretathom l-Ewwel Qorti, se mai seta' jinstab hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni w dan ghaliex, wara n-nota ta' rinviju, l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija tal-imputazzjoni ta' korruzzjoni ta' minorenni.

Dan apparti, din il-Qorti, wara li ezaminat is-siltiet mid-dibattitu parlamentari fl-istadju tas-seduta numru 100 tal-Kumitat Permanenti ghall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Ligi dwar l-introduzzjoni tal-klawsola 34 (illum artikolu gdid 203A) ma tistax taqbel mal-interpretazzjoni li qed jaghti l-appellant ghal din il-ligi.

Di fatti, kif jirrizulta mis-silta rilevanti li tinsab fin-nota konguntiva tal-partijiet tal-5 ta' Dicembru, 2008, il-Ministru tal-Gustizzja w Intern, li kien qed jippilota l-abbozz ta' ligi li jemenda l-Kodici Kriminali, kien qal testwalment hekk :-

*"…il-klawsola 34 qed tintroduci reat gdid ta' istigazzjoni ta' korruzzjoni fuq tfal taht l-eta' . Subartikolu (1) t' artikolu 203 jghid li kull min jikkorrompi persuna taht l-eta' b' ghemil zieni jkun hati ta' korruzzjoni fuq il-minorenni . Issa hawnhekk qed nghidu li jekk xi hadd ma jaghmel l-ebda ghemil zieni imma jeccita, jghin jew jiffacilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taht l-eta' ta' sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn u d-dispozizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu 203 jghoddu, mutatis mutandis, ghad-delitt taht dan l-atikolu……..Fi kliem iehor, hawnhekk qed nestendu r-reat billi qed nghidu li mhux biss b' eghmil zieni imma anki b' ghemil iehor tkun qed tohloq, tghin jew tiffacilita l-korruzzjoini ta' persuna taht l-eta'.*

*"…….din l-emenda qed issir minhabba li kien hemm min qal li biex tkun tista' tghid li wiehed wettaq ghemil zieni <u>jrid ikun ghamel kuntatt fiziku</u> ta' xi xorta. Per ezempju kien hemm min qal - ghalkemm mhux kullhadd qabel ma dan - li jekk wiehed juri ktieb pornografiku lil persuna taht l-eta'*

*ma jkunx qed iwettaq ghemil zieni, u allura hawnhekk qed naghmluha cara li din ukoll hija forma ta' korruzzjoni u b' hekk wiehed irid jigi kastigat ghal dan l-ghemil."*

Il-kummenti ta' membri ohra tal-Kumitat umbaghad iddevjaw xi ftit mis-sustanza ta' dak li qal il-ministru w ikkoncentraw fuq il-kaz ta' min, bi traskuragni, jhalli minuri jaraw xi films pornografici fuq xi televizjoni satellitari, eccetera w id-dibattitu qasir li kien hemm zvija ruhu dwar jekk kellhiex tidhol il-kelma "dolozament" jew le, li pero' baqghet ma dahlitx, wara intervent tal-Avukat Generali. Pero' hadd mill-membri tal-Kumitat ma kien qed jipotizza *"r-reat ta' min jimbotta halli* ***<u>haddiehor</u>*** *jaghmel korruzzjoni fuq minuri"* kif jissottometti b' mod stirakkjat ghall-ahhar l-appellant.

Jidher car li l-ghan tal-legislatur kien li bl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu gdid jikkolpixxi kull att <u>li ghalkemm ma jsirx fuq il-persuna tal-minuri</u> jista' jwassal biex din tigi eccitata jew biex jghin u jiffacilita' l-korruzzjoni <u>tal-istess persuna taht l-eta'</u> u <u>mhux fuq xi terza persuna biex hi taghmel dan fuq minuri,</u> kif qed jissottometti l-appellant. Jidher ukoll li dan sar minhabba xi gurisprudenza konfliggenti dwar din il-materja li kienet tezisti.

Ghal dawn il-motivi jidher li l-ewwel aggravju tal-appellant hu infondat u qed jigi respint.

Illi t-tieni w t-tielet aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti  fuq il-provi li

kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94]; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **"R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll* ***BLACKSTONE'S CRIMINAL*** **PRACTICE** (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u*

*jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta …. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti w rat il-video tax-xiehda tal-minuri biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar it-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi mill-ezami akkurat ta' dawn il-provi jirrizulta li l-allegazzjoni ta' ghemil kontra l-ligi da parti tal-appellant tikkonsisti filli hu f' xi hin ipprova idahhal idejh fuq kuxxtejn il-minuri li kienet liebsa mini skirt, meta din kienet bilqeghda hdejh, pero' din ghalqet saqajha w qaltlu biex jieqaf kif ukoll filli f' hin minnhom l-appellant beda jimmasturba quddiemha bla ma ghamel kuntatt maghha. Dan hu michud mill-appellant kif korroborat minn habibtu Victoria Sant, li skond il-minuri suppost li kienet rat din l-ahhar xena.

Issa huwa minnu li din it-tifla ta' genituri Tunezini li ma ghadhomx jghixu flimkien u fejn l-omm hi habiba ma ragel iehor, tidher li hija pjuttost mohh ir-rih, li taqbad u titlaq mid-dar w titlaq ghall-ghonq it-triq meta jkollha xi tghid ma ommha w tidher ukoll li taf xi haga dwar is-sess, anki bil-mod kif esprimiet ruha meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti,  meta iddeskriviet bil-Malti safi l-att tal-allegata masturbazzjoni mill-appellant u l-hsejjes li jakkompanjaw dan l-agir. Hu veru wkoll li darba ohra wara dan il-kaz kienet regghet telqet mid-dar u telghet fuq xi *yacht* irmiggat fix-Xatt tal-Isla ma xi ragel iehor. Insomma hija tifla li taghmel ta' rasha w tpoggi ruha f' sitwazzjonijiet xejn salutari ghaliha, bhal meta f' dan il-kaz accettat l-invit ta' ragel ferm akbar minnha biex tidhol ghandu w tqatta' certu hin hemm gew u tidhol u tohrog mid-dar tieghu ripetutament minnflok ma dabbret rasha lill hinn meta, skondha, l-appellant beda juri certu interess sesswali fiha bhala tfalja.

Pero' hu fatt ukoll li l-istorja taghha li dahlet ghand l-appellant fejn kien hemm ukoll Victoria Sant hija wahda vera w mhux kontestata la mill-appellant u lanqas minn Victoria Sant. Fejn qed jigi kontestat hu proprju jekk sarux l-att ta' tmesmis fuq kuxxtejn it-tfajla taht il-mini skirt li kienet liebsa w l-att ta' masturbazzjoni maskili fil-prezenza - izda mhux fuq il-persuna tat-tfajla - mill-appellant.

Ippressata mill-Ewwel Qorti biex tghid jekk hi kienetx qed tghid il-verita', it-tfajla baqghet sal-ahhar tinsisti li l-versjoni taghha kienet wahda vera w li ma kienetx qed tikkonfezzjonaha biex tevita r-rabja ta' ommha ghal-fatt li baqghet barra minn darha ghal lejl u gurnata shiha. Hi tghid li ma telqitx minghand l-appellant mill-ewwel ghax dan kien qed izommilha l-basket taghha bi hwejjigha hemm u ma riedx jaghtihula lura. L-appellant pero' jichad dan.

Issa anki jekk kellu jigi mifhum li t-tfajla ma tantx kienet prejokkupata bl-avvanzi sesswali tal-appellant u forsi dawn kienu qed sahansitra jittitillawha sa certu punt li ma hassitx li kellha tahrab minn hemm mal-ewwel u ddabbar rasha, jibqa' l-fatt li jekk it-tfajla tigi emmnuta, jkun car li l-appellant, meta dahhalha go daru, ghamel hekk ghal motivi sinistri w biex jara sa fejn seta' jabbuza minnha w mhux biex jaghmel xi att ta' karita' maghha, kif ipprova jaghti l-impressjoni li ried jaghmel.

Illi l-Ewwel Qorti, li semghet lix-xhieda jixhdu *viva voce* quddiemha u kienet f' pozizzjoni ahjar li taghmel l-apprezzament mehtieg dwar il-kredibilita' o meno kemm tat-tfajla kif ukoll tal-appellant u habibtu, ghazlet li temmen lit-tfajla minuri w mhux ic-cahda tal-appellant. Tant li waslet biex tghid li *"ma ssib ebda xrara ta' kredibilita' fit-testimonjanza ta' l-imputat, waqt li t-tgerfix patetiku kontenut fix-xiehda ta' Vicky Sant isahhah mhux idaghajjef ir-rakkont tal-minuri."*

Illi din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa kollha l-provi ma ssib ebda raguni valida jew impellenti biex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti w

ghalhekk qed taccetta bhala fatt pruvat l-allegazzjonijiet tal-minuri fil-konfront tal-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi stabbilit dan, suppost li kien ovvju ghall-Ewwel Qorti li t-tmesmis fuq kuxxtejn il-minuri *"ut sic*", anki jekk ma jistax jitqies b' certezza bhala ghemil zieni, kien zgur jammonta ghal attenetat vjolent ghall-pudur u fil-fehma ta' din il-Qorti kellha ukoll tinstab htija tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellant f' dan is-sens. Pero' dwar dan ma sarx appell mill-Avukat Generali w dik il-parti tas-sentenza issa titqies li ghaddiet in gudikat.

Pero' din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li l-att ta' masturbazzjoni maskili quddiem tfajla ta' erbaghatax il-sena kien att li - ghalkemm mhux kommess fuq il-persuna tat-tfajla fis-sens li ma kienx hemm kuntatt fiziku maghha - zgur kien intiz biex jistiga, jghin jew jiffacilita' l-korruzzjoni taghha w cioe' att li jaqa' bla dubju ta' xejn entro l-interpretazzjoni li, skond il-legislatur, ghandha tinghata lil dan l-artikolu relativament gdid 203A indikat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tieghu.

Ghalhekk anki l-aggravju fuq il-mertu ma humiex fondati w qed jigu respinti.

Illi ma hemmx appell fuq il-piena "*ut sic*" u f' kull kaz il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara: **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999], **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u hafna sentenzi ohrajn.)

F’ dan il-kaz il-piena mhux biss hija decizament entro l-parametri tal-ligi imma wahda inqas minn dik massima li setghet taghti l-Ewwel Qorti. Mbaghad, meta wiehed jara l-fedina penali aggornata tal-appellant isib li hu kien isubixxa mhux inqas minn seba kundanni mill-Qrati, li kienu jinkludu kundanni dwar reati ta' serq, kalunja, offizi

fuq persuni, theddid bi skieken, tentattiv ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku, theddid ta' persuni inkarikati minn servizz pubbliku, denunzjia falza ta' reat li jaf li ma sarx u ingurji w theddid fil-konfront ta' membri tal-Korp tal-Pulizija. Hu kien kundannat ukoll ghal sentenza ta' prigunerija effettiva w dan apparti xi kawza ohra pendenti li jirrizulta li ghandu mill-atti processwali w li dwarha kien taht *"house arrest"* meta kkommetta r-reat in dizamina. Ghalhekk din il-Qorti ma tara li hemm ebda lok ghal xi temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------